**Għax qed tagħmel ferneżija?**

Għedtlek kelma tal-akbar ġid
Ma nafx għalfejn bqajt tal-ħadid?
Urejtek qalbi b'tant rispett
U int għażilt li tibqa' skjett.

Inkella sellimtlek fl-għodwa
int ħtaftni bħal biċċa għuda.
Hux wieħed jew tlieta persuni
Żejjinna b'sens ir-raġuni.

Imma x'ħasra meta l-umanità
Tinsa' l-qawwa tal-karità.
Ejja nsibu t-triq komuni
Għax qerda hemm għall-brikkuni.

U ejjew niftakru ħaġa
X'hemm isbaħ milli tkun nagħġa?
Għax min għex dejjem inkurlat
Mhux ħassar ħajtu bil-ħsarat?

U le ħija u le oħti,
L-għaqal iva, hawn 'l-proposti:
"Bonġu!" dejjem, Alla jbierkek
Għax dak hu l-għażiż Missierek!

U la din hija l-verità
Nifthu qalbna b'sinċerità,
Għax biex inkunu ferħanin
Irridu nbierku lil xulxin!

Għax hi l-barka li fl-aħħar tgħodd
Hi tibni biss taf u mhux tħott,
Ħa ninfetħu għall-aqwa sliem
Imħabba u għożża mingħajr tmiem!

Patri Mario Attard OFM Cap
17 ta' Jannar 2021